MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2007

Numru. 324/2007

PULIZIJA
SPETTUR JOSEPH MERCIECA
VS
JAMES CASSAR
MARK ALEXANDER BUGEJA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati James Cassar, ta’ 18-il sena, bin George u Pauline nee’ Cassar, imwieled Pieta’ fl-24 ta’ Frar 1989, u residenti Numru 78, Triq il-Papa Piju XII, Mosta, u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 110189(M);
kif ukoll Mark Alexander Bugeja, ta’ 16-il sena, bin Alexander u Theresa nee’ Bugeja, imwieled Marsaxlokk fid-9 ta’ Novembru 1990 u residenti Numru 55, Jonquil, Triq Melqart, Marsaxlokk, u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 535890(M),

u akkuzati talli fit-22 ta' Marzu 2007, ghal habta ta' 11.45pm, minn Triq l-Imhallef Paolo Debono, Imsida, ikkommettew serq ta' vettura Toyota 1000, bin-numru tar-registrazzjoni LAW 408, liema serq hu aggravat bil-valur, li ma jeccedix l-elf Lira Maltin (Lm1000), bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, u li sar ghad-dannu ta' Aaron Bezzina.

Mark Alexander Bugeja wahdu akkuzat ukoll talli fl-istess data, ghal habta ta' nofs il-lejl, matul Triq Regjonali, San Giljan, saq vettura numru LAW 408, minghajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi persuni, b'velocita' eccessiva, u iktar talli b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fis-sewqan, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habat ma' lqugh fl-istess triq u kkaguna hsara fl-istess vettura ghad-dannu ta' l-istess Aaron Bezzina.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (a fol 6) u tal-imputati (a fol 8 u 9) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputati (a fol 7).

Semghet il-konferma ta' tali ammissjoni, wara li l-Qorti tat zmien ragjonevoli sabiex l-imputat jirripensa ruhu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni taghhom, din il-Qorti ssib lill-imputati hatja skond l-akkuza, u wara li rat l-Artikoli 261, 267, 270, 271, 279 u 280 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65, Artikolu 3 tal-Kap 104, u Artikolu 22 tal-Kap 446, tillibera lill-imputati bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien sentejn. In oltre, tikkundanna lil Mark Alexander Bugeja ghal multa ta'

mitejn u hamsin Lira Maltin (Lm250), filwaqt li tissospendi l-licenzja tas-sewqan ta’ l-istess Mark Alexander Bugeja, ghal perjodu ta’ sentejn.

Din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatti tal-kaz, inkluz il-fatt illi l-imputati huma ‘first offenders’, l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputati u l-eta’ tenera taghhom, u l-fatt illi l-imputati qeghdin isegwu edukazzjoni terzjarja.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------